**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 156/2017 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 1480/17 fl-ismijiet:**

**Ronald Pavia**

**vs**

**Luke Anastasi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Luke Anastasi fit-13 ta' Gunju, 2017 fejn espona:

"*Illi fit-2 ta' Gunju 2017 l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi li permezz taghha gie nterpellat ihallas is-somma komplessiva ta' €2,900 rapprezentanti l-import ta' kambjala datata 15 ta' Jannar 2014.*

*Illi l-firma indikata fuq il-kambjala hija falsifikata u m'hijiex tal-esponenti, u konsegwentement l-esponenti qieghed jopponi bil-qawwa ghall-ezekuzzjoni tal-istess kambjala u qed jitlob li l-ezekuzzjoni taghha tigi sospiza ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*Illi Ronald Pavia diga' ntavola proceduri identici ghal dawn odjerni kontra missier l-esponenti, Domenic Anastasi, liema proceduri ghadhom sub judice u*

*qeghdin jigu trattati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet* **Ronald Pavia vs Dominic Anastasi** *(Avv. Nru.: 193/14MLF).*

*Illi fil-kawza surreferita inhatar espert kaligrafu li kkonkluda li l-firem fuq il-kambjali, inkluz dik li issa giet esebita fl-atti odjerni bhala Dok. 1A, huma falsifikati u ma humiex la ta' Domenic Anastasi u lanqas tal-esponenti Luke Anastasi (Dok. LA1).*

*Illi in segwitu ta' dan ir-rapport skjaccanti, Ronald Pavia inizja proceduri ohra, din id-darba kontra l-esponenti Luke Anastasi, permezz ta' kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, liema proceduri gew sospizi stante l-ezistenza ta' kawza ohra pendenti (cioe' 193/14MF) li tittratta l-istess mertu (Dok. LA2).*

*Illi dan kollu jfisser li Ronald Pavia inizja xejn inqas minn tliet procedure rigwardanti l-istess mertu, ossia bejgh tal-10,000 cloth bag.*

*Illi l-esponenti jzid ukoll li hu ma kellu l-ebda htiega jaghmel dan in-negozju permezz tal-uzu tal-kambjali, mhux biss ghaliex qatt ma accetta li jhallas l-ammont pretiz mir-rikorrenti Ronald Pavia, izda iktar pertinenti minn hekk, ghaliex hu personalment qatt ma ghamel l-ebda negozjati u qatt ma dahal fl-ebda ftehim ma' Pavia. Kwalsiasi negozjati saru biss ma' missier l-esponenti, Domenic Anastasi, fejn ftehmu verbalment fuq prezz ta' €250, liema prezz thallas fl-intier tieghu minn missier l-esponenti.*

*Illi Pavia huwa ben konxju ta' dan kollu, tant li fl-ewwel procedure ntavolati minnu (193/14MF) huwa harrek biss lill-imsemmi Domenic Anastasi. Kien biss wara r-rapport skjaccanti tal-espert kaligrafu li gew intavolati proceduri ohrajn (din id-darba kontra l-esponenti Luke Anastasi), l-ewwel permezz ta' Avviz fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u meta dik ma rnexxietx, permezz tal-ittra ufficjali odjerna.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, jissussistu ragunijiet* ***gravi u validi*** *sabiex il-kambjala ma tigix ezegwita".*

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u filwaqt li rriserva d-dritt li jressaq il-provi kif permissibbli mil-ligi, talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali surreferita, salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ta' Ronald Pavia pprezentata fil-11 ta' Lulju, 2017 fejn eccepixxa:

*"Illi din hija r-risposta tal-esponenti ghar-rikors ta' Luke Anastasi li, permezz tieghu, qed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala imsemmija fl-ittra ufficjali surriferita fl-ismijiet premessi.*

*Illi fl-ewwel lok ta' min jinnota illi r-rikors odjern m'huwiex sufficjenti ai fini u effetti tal-ligi u dan in vista tal-fatt li, a tenur tal-****Art. 253 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili*** *(Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) dak li huwa mehtieg, m'huwiex biss talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala imma wkoll talba ghal dikjarazzjoni tan-nullita' u/jew thassir tal-kambjala u/jew opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-istess liema talba ma tressqitx f'dan il-kaz. Tali azzjoni kellha titressaq entro l-parametri ta' dak li jinghad taht l-art. 198 u 199 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u certament m'huwiex sufficjenti ai fini tas-surreferit li jintalab li l-ezekuzzjoni tigi merament sospiza. Ghaldaqstant, in linea preliminari, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda minnufih ghal din ir-raguni.*

*Illi, fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jirrizultawx ragunijiet li jiggustifikaw la s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala u wisq anqas it-thassir taghha.*

*Illi b'mod partikolari il-kambjala li ssir referenza ghaliha fl-ittra ufficjali msemmija tissodisfa pjenament ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi ghall-validita' u l-ezekuzzjoni taghha inkluza l-firma relattiva li hija tal-istess Luke Anastasi.*

*Illi l-eccezzjonijiet imressqin mill-istess Anastasi m'ghandhomx mid-dritt u ghandhom jigu michuda anke ghaliex ma jirrizultawx il-fatti speci mehtiega ghal res judicata u lanqas ghal-lis alibi pendens tant illi lanqas Anastasi stess ma jaghmel ebda allegazzjoni f'dan ir-rigward (jew iressaq eccezzjoni espressament f'dan is-sens) imma jillimita ruhu biss illi jindika proceduri ohrajn intavolati mill-esponenti u li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dik odjerna.*

*Illi fir-rigward ta' tali proceduri, 'ex admissis', il-kawza fl-ismijiet '**Ronald Pavia vs Dominic Anastasi'** (Rik. Nru. 193/2014MAF) pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta ma saritx mill-esponenti imma saret mill-intimat f'dawk il-proceduri. L-intimat odjern lanqas m'huwa parti f'dawn il-proceduri u kwindi l-ebda decizjoni fl-istess proceduri ma jistghu qatt jaghmlu stat fil-konfront tieghu.*

*Illi fir-rigward tal-procedura intentata mill-esponenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, din ma tikkostitwixxix 'actio cambiaria' u tinsab differita 'sine die' pendenti l-ezitu tal-kawza surreferita.*

*Illi kwindi l-esponenti kellu kull dritt li jipprocedi kif fil-fatt ghamel fil-konfront ta' Luke Anastasi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' din il-kawza fejn il-*

*kambjala hija fil-fatt titolu ezekuttiv u taghti lok ghal azzjoni li hija min-natura taghha stess awtonoma minn kull azzjoni ohra.*

*Illi ukoll bil-kontra ta' dak allegat mis-socjeta' intimata, il-kambjala tikkontjeni id-dettalji kollha mehtiega ghall-validita' taghha a tenur tal-***art. 123 tal-Kodici tal-Kummerc** *(Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-firma fuqha hija dik tal-istess Luke Anastasi.*

*Illi fir-rigward tal-eccezzjoni mressqa mis-socjeta' intimata li "l-import tal-kambjala mertu ta' din l-ittra ufficjali m'huwiex dovut u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors" l-esponenti jikkontendi li, apparti l-fatt li tali allegazzjoni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt, kif inhuwa risaput il-kambjala fiha nnifisha tohloq obbligazzjoni indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni ohra precedenti ghaliha, dan ukoll a tenur tal-***art. 198 u 199 tal-Kodici tal-Kummerc** *(Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta):*

*"Kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli. Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi. Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni.*

*Appena kambjala tigi annessa, tigi kkrejata obbligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala innifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti.*

*Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi"* ***(Pool Charles vs Mercieca Carmelo*** *deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003 fost ohrajn).*

*Illi, ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' intimata hija wahda ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda u dana wkoll peress li l-firma fuq il-kambjala hija proprju dik ta' Luke Anastasi.*

Ghaldaqstant l-intimat talab li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta' Luke Anastasi bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura u tal-ittra ufficjali bin-numru 1480/2017 kontra l-istess Luke Anastasi.

**Luke Anastasi** xehed nhar il-11 ta' Ottubru 2017 fejn qal illi hu jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur fis-socjeta' Dominic Anastasi Limited u ilu jokkupa dik il-kariga ghall-ahhar hames snin. Spjega illi huma jafu lil Ronald Pavia peress li jmur il-hanut taghhom u gieli jmur biex jitkellem u gieli sabiex joffri xi haga ghal bejgh. Qal illi effettivament, fost l-affarijiet li offra ghall-bejgh kien hemm xi basktijiet tad-drapp. Qal illi n-negozju taghhom fil-fatt ghamel id-disinn fuq dawk il-basktijiet.

Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm xi arrangament iehor f'dan ir-rigward qal illi mieghu personalment ma kienx hemm u li fil-fatt kien jiftiehem ma' missieru, Dominic Anastasi. Meta gie muri kopja ta' kambjala esebita fl-Atti a fol.77 qal illi effettivament hu kien ra dik il-kambjala esebita fi proceduri pendenti ohrajn fejn allegatament inghad li huwa (x-xhud) iffirma l-kambjali ghal xi boroz. Qal li fil-fatt il-firma tieghu m'hijiex dik murija fuq il-kambjala. Tenna illi l-kambjala li qed jitkellem fuqha hija dik li hi annessa mal-ittra ufficjali a fol. 47 u

apparti dak ir-rikors, hemm rikors iehor pendenti fil-konfront ta' missieru li ghandu l-istess mertu. Spjega wkoll illi proceduri Kriminali m'hemmx.

Qal illi fil-hanut hu jkun filghodu u missieru jkun filghaxija pero' gieli jkunu hemm zminijiet meta jkunu fil-hanut fl-istess hin. Rigward il-go ahead sabiex isir ix-xoghol, missieru taha lis-sur Pavia u hu ma kienx prezenti. Spjega illi l-Pulizija ma gew mgharrfa bl-allegazzjoni taghhom.

Rat in-nota pprezentata mill-intimat **Ronald Pavia** fl-14 ta' Dicemrbu 2017 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu fejn iddikjara li illi l-kwistjoni mas-Sur Luke Anastasi ghall-Anastasi Panini kienet bdiet fis-16 ta' Jannar 2014 u cioe' kien propju f'din id-data li s-Sur Luke Anastasi ffirma l-*agreement* u kemm il-kambjala - Dok A u Dok B, ghalkemm il-process tal-artwork kien diga’ beda sabiex jordna l-Cloth Bags tad-drapp is-sena ta' qabel 2013. Huwa ddikjara li l-*agreement* huwa awtentiku u l-firem kollha ta' Luke Anastasi huma awtentici, imnizzla bhala Dok A. Iddikjara wkoll illi kemm is-Sur Luke Anastasi u kemm missieru Dominic Anastasi kienu nteressati li l-process tal-ordni jibda u tant kien sodisfatt s-Sur Luke Anastasi, meta kif qal huwa ghamel paragun ma *quotes* ohra, approva l-ordni u missieru kien ghamillu cheque deposit ta' tlett mitt ewro (€300). Dan seta' jahilfu solennement – Dok C.

Ix-xhud qal illi l-istess rikorrent huwa in konixxenza ta’ dan kollu stante illi kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza, kull dokument relattiv ghal ftehim bejnu u bejn is-Sur Luke Anastasi gie debitament iffirmat mill-istess Luke Anastasi.

Spjega illi l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) tissupera l-ammont li jghid li suppost diga hallas, haga li ma taghmilx sens. Fl-opinjoni ta’ Pavia, l-argumenti ta' Luke Anastasi huma kompletament infondati u jrid jipprova jiehu vantagg infondat. Kompla billi qal illi inoltre, kif jidher f’Dok D hemm l-invoice No 863

mahruga minn AP9 Promotion fejn hemm ircevuta fiskali fejn taghti deskrizzjoni cara kemm hu hallas lis-supplier fl-ammont ta' 2,124.00 Ewro sabiex jissuplixxi lis-Sur Luke Anastasi ghall-Anastasi Pannini. L-ammont hu fi kwantita’ ta' 10,000 non-woven Cloth Bags.

Spjega illi ta' din l-ordni kull ma thallas mis-Sur Luke Anastasi huwa tlett mitt ewro (€300) li huma depozitu li hareg missieru s-Sur Dominic Anastasi. B'dak id-depozitu s-Sur Luke Anastasi qieghed isostni li hallas kollox. Ix-xhud kompla billi jghid illi fid-Dokument A jidher car li l-ammont huwa ta' mitejn u disghin ewro (€290) kull elf Cloth Bags u mhux mitejn u disghin ewro (€290) ta' kollox kif qieghed jghid is-Sur Luke Anastasi fejn hareg depozitu ta' tlett mitt ewro. L-ammont igib it-total ta' elfejn u disa’ mitt ewro (€2,900) fuq konsenja ta' 10,000 Cloth Bags.

F'dan l-affidavit, Ronald Pavia iddikjara car x'sar fil-ftehim bejnu u bejn is-Sur Luke Anastasi ghall-Anastasi Panini fejn l-istess Sur Luke Anastasi ghandu l-kopji kollha ta' dak kollu li sar bejniethom, pero’ huwa xorta esebixxa dawn il-kopji. Qal ukoll illi jidher car daqs il-kristall li l-ammont dovut lejhom huwa ta' elfejn u disa’ mitt ewro (€2,900) kif gie iffirmat kemm fil-kambjala u kemm fil-ftehim attwali. Ghaldaqstant qal illi l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) li nghataw mal-iffirmar tal-kambjala kien biss depozitu u qal illi jixtieq illi Luke Anastasi juri rispett u rgulija.

**Luke Anastasi** xehed in kontro-eżami nhar l-24 ta’ Jannar 2018 fejn huwa kkonferma li m’għamel l-ebda *dealing* ma’ Ronald Pavia. In-negozjati saru direttament ma’ missieru, Dominic.

Mistoqsi jikkonfermax li l-ammont kien ta’ mitejn u hamsin ewro (€250), huwa sostna li dwar dan ma kienx f’pożizzjoni li jikkonferma li dak kien l-ammont. Bl-amment ma jiftakarx kemm kien id-*deposit*.

Gie muri Dokument C anness mal-affidavit ta' Ronald Pavia u tenna li ma gharafx dan id-Dokument. Jekk dan id-dokument jgħid li thallsu tlett mitt ewro (€300) bħala *deposit*, hekk hu. Huwa ma jafx min ħarġu dan id-dokument għax qatt ma rah.

Huwa fl-ebda ħin ma tkellem għalkemm kien preżenti. In-negozjati kollha saru direttament ma' missieru. Ma jiftakarx kemm kien il-prezz li ġie stabbilit meta ġew konklużi n-negozjati. Jaf però l-ammont kien jikkonċerna mijiet u mhux eluf. Huwa ma kienx preżenti meta sar il-ħlas tad-*deposit*.

Semghet lill-avukati tal- partijiet jittrattaw il-mertu tar-rikors u dan fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mit-trattazzjoni tal-partijiet kif ukoll minn ezami tal-atti tal-process jirrizulta li l-intimat allegatament ghandu jiehu minghand ir-rikorrent s-somma ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900) skond kambjala allegatament iffirmata mir-rikorrent datata 16 ta' Jannar, 2014 pero' ir-rikorrent qed jirrifjuta li jhallas din l-kambjala ghaliex stqarr li l-firma fuq din il-kambjala hija falsifikata u mhix tieghu u ghalhekk jezistu ragunijiet '*gravi u validi'* sabiex l-kambjala ma tigix esegwita.

Illi flimkien mar-rikors promotur tieghu r-rikorrent esebixxa rapport li sar mill-espert kaligrafiku Dr Anthony Abela Medici fejn f'dan ir-rapport hemm indikat li l-firma fuq il-kambjala esebita mal-itttra ufficcjali esebita fl-atti a fol. 46 li dwarha l-intimat qed jitlob hlas *'wisq probabbli'* mhix ta' Luke Anastasi.

Il-Qorti tissolleva li din hija proċedura ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kambjali jew promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi

tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li intbagħat biex trrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis illi din hija proċedura preliminari ta' verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew promissory note bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta prima facie:-

(i) illi l-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew

(ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni.

F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e), biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala, dan ikollu jiftaħ kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Illi s-socjeta' rikorrenti tippretendi illi l-kambjala mahruga fil-15 ta' Jannar, 2014 m'ghandhiex tithallas minkejja li t-terminu tal-pagament skada u s-somma ta' elfejn u disa' mitt euro (€2,900) ma thallsux.

Illi iktar mic-cekk, il-kambjala kif gie diversament rilevat mill-gurisprudenza hija prova dokumentari tal-element kostituttiv tar-rapport u jikkreja presunzjoni legali tat-titolarita' tad-dritt stabbilit f'dak id-dokument a favur il-persuna legittimata u intrinsikament mhux hag'ohra hlief dokument ta' kreditu u dan kif gie deciz fil-kawza "**Anthony Borg vs Anthony Francis Willoughby**" tad-9 ta' Marzu 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-kambjala ghandha effett ta' titolu kambjarju kif del resto ghandu cekk mahrug ghall-pagament (vide kollezzjoni Vol.LXXXVI, Part 2, Page 520 u "**Luigi Portelli et noe vs Dottor John C.Grech noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 2000)

Illi l-kambjala hija r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergent mill-wicc il-kambjali stess (vide "**United Acceptance Finance Limited vs Mario Grech pro et noe,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 2000 u "**Adrian Busietta noe vs Marco Attard noe**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Ic-cekk gie definit minn **Ferri** "**Manuale di Diritto Commerciale**"-

"Un titolo di credito al ordine o al portatore contenente l'ordine diretto ad una banco di paghare al possessore del titolo secondo la legge di circolazione la somma portata dall'assegno."

**De Semo** fl-opera tieghu "**Diritto Cambiario**" (para 669) jghid -

"L'assegno bancario e' un titolu cambiario, all'ordine o al portatore, letterale, formale, autonomo, astratto, contenente, l-ordine incondizionato, rivolto ad un banchiere preso il quale l-emittente ha fondi disponibbli adeguati, di paghare a visto la somma che vie e' menzionata; vincolante solidalmente tutti i firmatari verso il potatore e munito di forza esecuttiva."

Illi l-Qrati taghna dejjem applikaw dawn il-principji kif jirrizulta mis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc tal-14 ta' Dicembru 1959, Vol. XLIII, Part 2, Page 834 fl-ismijiet "**Michael Attard vs Grazio Meilak et**" kif ukoll mis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-3 t'April 1992 fl-ismijiet "**Daniel sive Danny Cremona noe vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et**", "**Antoine Deguara vs Walter George Wicker**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Mejju 1959 Vol. XXXIX Part 3, Page 853, "**John Charles Denninson noe vs Salvatore Tonna**" Appell Kummercjali fit-30 ta' Novembru 1926) u "**Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon**" Appell Kummercajli fit-18 t'Ottubru 1875.

Inoltre l-"**Baudry Lacantinerie**" josserva fil-"**Fideissione**" para 916:

"la premessa di paghare il debito altrui non e una fideissione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il benefico di dicisione o di escussione."

Illi kambjala fih it-traent jobbliga ruhu li jhallas lit-trattarju s-somma hemm indikata u ghalhekk f'tali gurnata u f'tali zmien u ghalhekk ma tistax is-socjeta' rikorrenti tippretendi li ma thallasx galadarba skadiet il-kambjala, l-import tal-kambjala.

Illi l-ebda prova ohra ma tista' tingab fuq il-kambjala nnifisha galadarba din ghadha f'idejn it-trattarju u l-unika eccezzjonijiet li jistghu jingabu huma dilatorji

ossija dawk rigwardanti l-forma tal-kambjala u huma pagabbli lit-trattarju mit-traent.

Illi t-traent mhux qed jghid illi l-ammont mhux dovut imma jippretendi li jhallas somma diversa ghaliex jghid li effettivament mill-kalkoli li ghamel hija dovuta somma inqas. Min-naha l-ohra t-trattarju qed jesigi l-pagament tal-kreditu maghluq u ghalhekk ghandu dritt li huwa jipprezenta l-ittra ufficjali u jitlob il-kundanna ghall-hlas ta' l-istess.

Illi kemm fil-premessi tar-rikors promotorju sew waqt it-trattazzjoni hemm indikat u allegat illi l-firma fuq il-kambjala meritu tal-kawza m'hijiex dik tat-traent rikorrenti Luke Anastasi. Sodisfatt dan ir-rekwizit, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina kemm il-darba skond il-proviso tal-Artikolu fuq citat, jezistux ragunijiet *validi u gravi* il-ghaliex din il-Qorti ghandha zzomm jew tissospendi l-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala.

Ghaldaqstant apparti r-rekwizit tal-firma tal-kambjala li prima facie r-rikorrenti gja ipprova li tesisti dubju dwar il-hrug taghha fir-rigward l-iffirmar ta' fuqha, kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun; (vide is-sentenza '**Michael Attard Limited (C-32362) vs Turisa Limited (C-3428) u Joseph Bonello**' per Onor. Imh. Joseph R. Micallef)

Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet *gravi u validi* u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le. "*Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni*" (vide **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** - PA deciża fil-5 ta' Frar, 2008.)

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet *gravi u validi* ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan.

Ir-rikorrent qed jippretendi illi din il-Qorti ghandha tordna s-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900) il-ghaliex jghid li l-firma fuq din l-kambjala ma hix tieghu u li in effetti huwa ma hux id-debitur tal-intimat.

Ir-ragunament li r-rikorrent jghid li ma ghandu jaghti xejn lill-intimat *ut sic,* li kieku kellu jigi accettat minn din il-Qorti, iwassal ghal stultifikazzjoni ta' *raison d'etre* ta' kambjala fil-kamp kummercjali. Il-Qorti qieset illi s-sospensjoni, minhabba dikjarazzjoni *sic et simplicite* li l-ammont mhux dovut mhux xi raguni valida u lanqas gravi kif imfissra mill-ligi u hi fil-fehma tal-Qorti illi tali raguni hi sempliciment pretest sabiex ir-rikorrent jigwadanja aktar zmien sabiex thallas lill-intimat. Pero' il-fatt li l-firma fuq il-kambjala mhix tar-rikorrent akkompanjata minn rapport ta' espert tal-kaligrafija, li ma giex kontestat li il-firma fuq il-kambjala ma hix tar-rikorrent, certament hi raguni li ghandha titqies bhala wahda valida u gravi.

Jinghad illi x'jirrappreżentaw l-ammonti msemmija fil-kambjali huwa assolutament irrilevanti għaliex hekk kif ġja ppronunċjat ruħha din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, inkluż fid-deċiżjoni reċenti tagħha '**Joseph Mamo vs Joseph Zammit'** (Rikors Numru 981/2013) deċiża fil-15 ta' Lulju 2014):

*"il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi tranżazzjoni kummerċjali oħra u dan kif ġie deċiż fil-kawża* **Charles Gatt vs Joseph Vassallo Gatt** *– deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1993, fejn il-Qorti rriteniet illi "appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni ad hoc għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet tippreċedieha".*

Illi il-Qorti tifhem li r-raġuni miġjuba mill-eżekutati hi waħda li twassal biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali.

**Ghaldaqstant għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti tilqa' it-talba tar-rikorrent Luke Anastasi ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala fl-ammont ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900) fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li ghaliha tirreferi l-Ittra Ufficjali numru 1480/17 tat-30 ta' Mejju, 2017.**

**L-ispejjez kollha ta' din il-proċedura jitħallsu mill-intimat.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**